MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2001

Numru 699/1999

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

**Illum 19 ta' Novembru 2001.**

**Pulizija**
**Spettur Joseph Cordina**
**Spettur Alexander Paul Miruzzi**

**Vs**

**Alan Grech**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Alan Grech ta' 26 sena, bin Joseph u Elizabeth nee' Gregory imwieled H'Attard nhar is-26 ta' Lulju 1975, residenti fl-indirizz numru 47 , Triq is-Sajf Bugibba, detentur tal-karta tal-Identita' numru 358175M;

Talli nhar is-26 ta' Awissu 1999 f'xi hin qabel is-1.30 ta' wara nofs inhar f'Tal Pieta' , bhala persuna li gie kkundannat f'Malta ghal serq, jew ghal ricettazzjoni, nstab fil-pussess ta' mitt liri Maltin (Lm100), minghajr ma' ta kont sodisfacenti ta' kif gew legittimament ghandhu.

Talli b'hekk, Alan Grech jitqies li sar recidiv ghat-terminu tal-artikolu 49 tal-kap 9 tal-Kodici Kriminali wara li gie kkundannat ghal reat b'sentenza li saret definittiva mill-Qorti tal-Magistrati fit-22 ta' Frar 1999.

Wara li rat l-Artikolu 49 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-kawza in ezami hija wahda  ta' ricettazzjoni, wara illi l-imputat principalment instab "in flagrante" in pussess ta' stereo misruq imgezwer gewwa borza sewda.

Illi l-imputat m'huwiex akkuzat f'din is-serqa.  Din huwa akkuzat biha certu Michael Zahra li diga' gie pprocessat fuq din l-akkuza wara ammissjoni inkondizzjonata tieghu.

Illi l-imputat instab fil-pussess ta' dan l-istereo misruq minn tlett (3) membri tal-Korp tal-Pulizija li, lkoll xehdu illi dan l-istereo instab minnhom imgezwer gewwa borza sewda, that id-driver seat tal-mutur li kien qieghed isuq, dak il-hin l-imputat.

Illi, ghalhekk, ma jezistix dubbju illi l-imputat kien fil-pussess ta' dan l-istereo meta gie imwaqqaf mill-Pulizija u arrestat.  L-anqas ma' hemm dubbju dwar il-provenjenza ta' dan l-istereo stante illi dan gie, posittivament, individwat minn sidhu u, fil-fatt lilhu ritornat.

Illi Michael Zahra ammetta illi kien hu li kien seraq dan l-istereo u, fil-fatt, huwa diga gie sentenzjat.  Huwa, assolutament ezenta lill-imputat odjern, Alan Grech, minn kul responsabilita' ghas-serqa stante, bil-gurament, xhed illi Grech ma' kellu x'jaqsam xejn mas-serqa in kwistjoni.  Izda billi dik il-gurnata stess, kienet saret hold-up u l-prezenza tal-Pulizija kienet kbira fuq it-triq, huwa ma' xtaqx li jiehu r-riskju illi jgorr dan l-istereo misruq fuqu u, wara illi, fortunatament, iltaqa' mal-imputat, talbu, minghajr ma' qallu li kien stereo misruq, izommulu u li kellu jarah dak in-nhar filghaxija gewwa Bugibba sabiex jitolbulu lura.

Illi din il-versjoni hija minnhu kkonfermata anke fl-istqarrija volontarja tieghu.

Illi din il-versjoni hija ssostanzjata mill-imputat illi sia fl-istqarrija tieghu illi huwa ghamel volontarjament matul l-investigazzjoni tal-kaz, u sia fix-xhieda "viva voce" tieghu, sostna li din hija l-verita'.  Cioe' illi huwa ma' kienx jaf x'kien fiha l-borza s-sewda.  Illi huwa ma' kienx jaf bl-istereo, izjed u izjed, ma kienx jaf li kien misruq;  izda li halla lil Michael Zahra jpoggih gewwa s-seat tal-mutur, semplicement bi pjacir.

Illi l-imputat huwa wkoll akkuzat talli kien fil-pussess ta' somma ta' flus illi ghaliha ma' tax kont sodisfacenti ta' kif gew, legittimament, ghandhu. Nitkellmu dwar ammont ta' mitt lira maltin (Lm100).

Illi ahna qeghdin fil-kamp kriminali u, ghalhekk, suspett fondata mhux bizzejjed sabiex tigi stabbilita' reita. Il-prova migjuba ghandha tkun wahda oltre' kull dubbju ragonevoli. Wahda illi thalli konvinciment morali tal-htija tal-imputat f'mohh il-Qorti gudikanti.

Dan m'huwiex il-kaz. Sia l-akkuza ta' ricettazzjoni u sia dik tal-flus m'huwiex, adekwatament pprovati sal-punt illi tista' tinsab responsabilita' Kriminali. Tar-ricettazzjoni stante illi in mankanza ta' provi ohra l-ispjegazzjoni tal-imputat hija plawsibbli u tal-flus, stante illi l-ammont misjub huwa wiehed mizeru, zghir; facilment spjegat, anke jekk ma' kienx.

Illi l-Qorti wkoll tiddeplora l-attitudni tal-Ufficjal Prosekutur illi pprova jutilizza d-dritt ta' silenzju li ghandhu l-imputat fi stadju interrogatorju ghal skopijiet ta' prova negattiva. Dan huwa dritt ta' kull imputat u mhux instrument li bih ghandu jaqla' l-imputat.

Din il-Qorti qeghda tillibera lil Alan Grech mill-akkuzi addebitati lilu mill-Prosekuzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------